# LECTIO DIVINA

## IL-MAGĦMUDIJA TAL-MULEJ (A)

### Mt 3,13-17

**Jien hu li jeħtieġ li nitgħammed minnek, u inti tiġi għandi?**

Għall-Battista dan hu l-ewwel skandlu ta' Ġesù. Ġwanni kien ħabbru bħala dak li hu aqwa minnu: "Hu aqwa minni, u jien ma jistħoqqlix inġorr il-qorq tiegħu", għax "jien ngħammidkom bl-ilma" imma "hu jgħammidkom bl-Ispirtu s-Santu u n-nar" (Mt 3,11). Imma Ġesù, għalkemm hu tassew aqwa minn Ġwanni u tassew jgħammed bl-Ispirtu s-Santu u n-nar, ġie fis-sinjal tal-umiltà, ġie biex jilbes il-fardal u jaħsel ir-riġlejn (ara Ġw 13); ġie biex jaqdi u mhux biex ikun moqdi (ara Mt 20,28). Dan hu l-veru kobor tiegħu! Għalhekk huwa kbira Alla tagħna: għax kapaċi jiċċekken! U aktar ma jiċċekken, aktar juri kemm hu tassew kbir!

Għall-Battista l-iskandlu ta' Ġesù jkompli sejjer sa dakinhar li mill-ħabs "sama' bl-għemejjel tal-Messija" u bagħat jistaqsih: "Inti huwa dak li għandu jiġi, jew nistennew lil ħaddieħor?" (Mt 11,2s). (Ara *lectio divina* tat-III Ħadd tal-Avvent –A).

**Hekk jixraq nagħmlu biex intemmu s-sewwa kollu.**

Ġesù jaqleb ta' taħt fuq il-loġika tal-bnedmin, u jurina l-ordni ġust tal-affarijiet. Fis-saltna ta' Ġesù hu tassew kbir min lest iċekken lilu nnifsu; isaltan tassew min jaqdi! "Min irid ikun kbir fostkom, għandu jkun qaddej tagħkom, u min irid ikun l-ewwel fostkom, għandu jkun l-ilsir tagħkom. Hekk ukoll Bin il-bniedem ma ġiex biex ikun moqdi imma biex jaqdi u jagħti ħajtu b'fidwa għall-kotra." (Mt 20,26-28).

Dak li kien ħabbar "il-korla li ġejja" (Mt 3,7), issa jara quddiemu lil dak li ġie bħala "ħaruf ġwejjed" (Ġer 11,19; Is 53,7), dak li biex iwettaq il-missjoni tiegħu "ma jgħajjatx, ma jgħollix

leħnu; ma jsemmax leħnu fil-pjazez, qasba mġelġla ma jiksirhiex, musbieħ inemnem ma jitfiħx" (Is 42,2-3). Madanakollu, huwa proprju hu li "jġib il-ġustizzja fuq l-art", u li "jġib il-ġustizzja fis-sewwa", u li "ma jegħjiex, ma jitfarrakx, sakemm ma jwaqqafx il-ġustizzja fuq l-art" (Is 42,1.4). U għalih li l-profeta jgħid: "Il-ġustizzja tiegħek għad jarawha l-ġnus, u s-sebħ tiegħek jarawh is-slaten kollha" (Is 62,2).

Minn liema ġustizzja qed jitkellem il-profeta? X'tip ta' ġustizzja kellu jġib Ġesù? Ġwanni kien ħabbru bħala dak li "l-midra qiegħda f'idu" u ġej biex "iderri l-qiegħa... u t-tiben jaħarqu b'nar li ma jintefiex" (Mt 3,10-12). Iżda fil-Ġordan, Ġesù jippreżenta lilu nnifsu bħala dak li ġie "jfittex u jsalva l-mitlufin" (Lq 19,10). Għalhekk ma jibżax jiġi msejjaħ "ħabib tal-pubblikani u l-midinbin" (Mt 11,19).

Il-ġustizzja ta' Alla hi differenti minn kif jifhmuha l-bnedmin, u minn kif kien qed jistennieha l-poplu ta' Iżrael.

Fit-test ta' Isaija 42 l-kelma "ġustizzja" (*mishpath*) tindika mhux tant il-ġustizzja in ġenerali, jew id-Dritt, u lanqas ir-reliġjon bħala relazzjoni ma' Alla, imma d-"digriet" divin li jistabilixxi t-tmiem tal-eżilju. Il-missjoni tal-Qaddej ta' Alla għalhekk mhuwiex dak li jxandar ir-reliġjon Lhudija, imma li jħabbar il-ħelsien imminenti tal-poplu Lhudi mill-jasar ta' Babilonja. Interessanti li dan il-ħelsien irid jitħabbar "lill-ġnus" (*gôîm*, il-ġentili) għaliex anke huma jridu jkunu jafu dak li Alla għamel mal-poplu tiegħu. Dak li Alla jgħamel fl-istorja ta' Iżrael irid ikun manifestazzjoni ta' dak li Alla jagħmel fl-istorja tal-umanità b'riżq il-bnedmin kollha.

Applikata għal Ġesù, il-profezija ta' Isaija turi kif tabilħaqq Ġesù ġie jġib il-ġustizzja fis-sens li jħabbar il-ħelsien lill-imjassrin, iwassal il-bxara t-tajba lill-fqajrin, id-dawl mill-ġdid lill-għomja, u jrodd il-ħelsien lill-maħqurin (ara Lq 4,18-19; Is 61,1s).

Dan kollu narawh iseħħ diġà fil-Ġordan. Biex jagħtina l-ħelsien, hu stess ġie fl-eżilju tagħna. Din hija x-xbieha ta' Ġesù li jinżel fl-ilma tal-Ġordan, simbolu tan-natura umana mniġġsa bid-dnub, simbolu tal-jasar tal-ħażen. Ġesù jinżel f'dak l-ilma biex inaddfu u biex minnu jtella' lilna flimkien miegħu għal ħajja ġdida.

**Jien hu li jeħtieġli nitgħammed minnek.**

Jekk nerġgħu mmorru lura għal din l-ewwel kelma li Ġwanni jgħid lil Ġesù, ninnutaw li qed jgħid il-verità għalkemm mhux b'mod preċiż. Jeħtieġlu jitgħammed minnu in kwantu Ġesù hu akbar minnu, iżda aktar milli *minnu*, Ġwanni jeħtieġlu jitgħammed *fih*, f'Ġesù. San Pawl ifakkarna li aħna "tgħammidna fi Kristu Ġesù", tgħammidna fil-mewt tiegħu biex miegħu ngħixu ħajja ġdida (ara Rm 6,3s).

Kristu tgħammed fina biex aħna nistgħu nitgħammdu fih. Hu daħal fir-realtà tagħna biex lilna jdaħħalna fir-realtà tiegħu; ħa fuqu dak kollu li hu tagħna biex lilna jagħtina dak kollu li hu tiegħu. Inkarnazzjoni sħiħa in vista ta' fidwa sħiħa! Alla sar bniedem biex il-bniedem isir alla (ara Katekiżmu, n.460). Fi Kristu aħna msejħin "nitgħammdu" fil-misteru ta' Alla li huwa Mħabba (1Ġw 4,8.16). Din hija wkoll it-tifsira tal-kmand ta' Ġesù: "Morru, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha, u għammduhom fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu." (Mt 28,19). Il-magħmudija (meta mgħixa) tagħtina l-grazzja li nħossuna, u nkunu tabilħaqq, ulied maħbuba ta' Alla, ulied li fihom il-Missier isib l-għaxqa tiegħu.

**Mis-smewwiet instama' leħen jgħid: Dan hu Ibni l-għażiż, fih sibt l-għaxqa tiegħi!**

Fil-persuna ta' Ġesù, diġà fil-bidu tal-missjoni tiegħu, iseħħu l-kelmiet li Alla kien qal permezz tal-profeta: "Araw il-qaddej tiegħi li jiena nwieżen, il-maħtur tiegħi li fih qalbi strieħet!" (Is 42,1). Fil-Ġordan il-Missier mhux biss jikkonferma lil Ġesù bħala Ibnu l-għażiż (u għalhekk aktar minn sempliċi qaddej), li fih qalbu strieħet, imma jikkonferma wkoll il-missjoni tiegħu (li jsalva) u l-mod li bih se jwettaq din il-missjoni (it-triq tal-umiltà). Ftit wara, fid-deżert, Ġesù se jkun imġarrab fuq l-identità tiegħu imma wkoll fuq il-missjoni afdata lilu u l-mod ta' kif se jwettaqha (ara Mt 4,1-11). F'Ibnu Ġesù, u bl-istess imħabba, il-Missier iħobb lilna.

**Ra l-Ispirtu ta' Alla nieżel qisu ħamiema u ġej għal fuqu.**

F'Ġesù, fil-Ġordan, tkompli sseħħ il-kelma tal-Iskrittura dwar il-Qaddej ta' Alla: "L-Ispirtu ta' Sidi l-Mulej fuqi..." (Is 61,1s). Ġesù nnifsu jikkonferma t-twettiq ta' din il-profezija fih fis-sinagoga ta' Nazaret (ara Lq 4,16s). L-Ispirtu li niżel fuqu fil-Ġordan u kkonsagrah issa qed

jibgħatu biex ixandar l-aħbar it-tajba tas-salvazzjoni, liema aħbar issib mill-ewwel ir-reżistenza ta' niesu stess (ara Lq 4,28s).

**Ġwanni ma ħalliehx... Imbagħad Ġwanni ħallieh jitgħammed...**

In-novità ta' Alla toħloq dejjem skandlu, u għalhekk reżistenza. Iżda b'differenza min-nies ta' Nazaret, Ġwanni huwa l-bniedem li jirrendi quddiem Alla u l-mod ta' kif jaħdem Alla. Jaċċetta li dak li hu akbar minnu jsir iżgħar minnu biex jista' jifdih!

## MEDITATIO

- Fejn nilmaħ iċ-ċokon (u allura l-kobor) ta' Alla f'ħajti?

- Xi jfisser għalija li Kristu tgħammed fil-ħajja tiegħi biex lili jgħammidni fil-ħajja tiegħu?

- Fil-ħajja konkreta tiegħi, kemm qed inħossni iben maħbub ta' Alla?

- Nemmen li fija Alla jsib l-għaxqa tiegħu?

- Xi tfisser għalija l-virtù tal-umiltà? X'jgħallimni Ġesù bl-umiltà tiegħu?

## ORATIO - CONTEMPLATIO

*Flimkien mal-Battista, inħalli lil Ġesù jiċċekken quddiemi, jidħol fil-ħajja tiegħi, biex isalvani. Nitolbu jagħmel minni bniedem ġdid.*